# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1176/11/2 AE**

**Mario Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` AME Health and Safety Services Limited (C-44347)**

**v.**

**AF Ellis (Home Décor) Limited (C-28050); MC Restauri di Miloro Corradina; Id-Direttur Restoration Unit fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell wara kawża ntavolata mis-soċjeta` attriċi appellanti permezz ta' liema qed titlob li jiġu likwidati d-danni li hija sofriet minħabba l-aġir tas-soċjetajiet appellati. Is-soċjeta` appellanti kienet ġiet inkarigata mis-soċjetajiet appellati AF Ellis (Home Decor) Limited u MC Restauri di Miloro Corradina sabiex tirrediġi rapport preliminari dwar saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol li kellu jiġi sottomess flimkien mal-

applikazzjoni għal *tender* relattiv għal xogħolijiet ta' restawr tal-fortifikazzjonijiet tal-Landfront taċ-Ċittadella f'Għawdex. Din l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa minn konsorzju kompost miż-żewġ soċjetajiet appellati msemmija, liema konsorzju kien eventwalment rebaħ l-istess *tender* fid-9 ta' Settembru 2010. Is-soċjeta` appellanti tikkontendi illi hija kienet ġiet inkarigata fuq bażi ta' sub-appalt mis-soċjetajiet appellati sabiex tippresta servizzi relatati ma' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol f'dan il-proġett iżda mbagħad kienet tħalliet barra minn dan il-proġett u għalhekk hija qed tippretendi ħlas ta' danni f'din il-kawża.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom agixxew b'nuqqas serju fil-konfront tas-socjeta' attrici meta inqalghu 'il barra mill-progett de quo;
>
> "2. Tillikwida s-somma li hija dovuta lis-socjeta' attrici bhala danni li hija soffriet meta inqalghet 'il barra mill-progett u mhux limitatament ghat-thejjija tad-dokumenti relatati mattender de quo;
>
> "3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata u da f'terminu li ghandu jkun impost fuq is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom; u dan prevja kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.
>
> "Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 16 ta' Gunju 2011, u tal-protest gudizzjarju datat 9 ta' Awwissu 2011, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra s-socjetajiet konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

3. Is-soċjeta` MC Restauri di Miloro Corradina eċċepiet, *inter alia,* li ma kien hemm l-ebda nkarigu mogħti lis-soċjeta` konvenuta oltre li

tassistiha fl-inkartament neċċessarju sabiex tiġi sottomessa t-*tender* u ta' dan kien gie offrut ħlas lis-soċjeta` attriċi li ma ġiex aċċettat.

4. Id-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali eċċepixxa, *inter alia,* illi m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni, liema eċċezzjoni ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti permezz ta' sentenza datata 14 ta' Ġunju 2012 u konsegwentement ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ebda appell ma sar minn din is-sentenza.

5. A.F. Ellis (Home Decor) Limited eċċepiet, *inter alia,* li m'hijiex il-leġittima kontradittriċi f'din l-azzjoni, li effettivament l-aġir li dwaru tilmenta s-soċjeta` attriċi twettaq minn MC Restauri di Miloro Corradina, li s-soċjeta` attriċi qatt ma kienet tifforma parti mill-konsorzju iżda kienet ġiet inkarigata biss mill-konsorzju sabiex tagħmel *risk assessment* preliminari tal-aspetti ta' Health and Safety tal-appalt, u li d-deċiżjoni lamentata saret minħabba neċessita` bl-avvall tad-Direttur, Retoration Unit, illi għandu jassumi r-responsabilita` tiegħu f'dan ir-rigward.

6. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Diċembru 2014 ġie deċiż hekk:

> "Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:
>
> 1. "Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Ellis bl-ispejjez kontra taghha.

"2. Fil-meritu tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha."

7. Is-soċjeta` attriċi appellat minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 17 ta' Diċembru 2014, u talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` A.F. Ellis (Home Decor) Limited, tirrevokaha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u minflok tilqa' t-talbiet attriċi kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

8. MC Restauri di Miloro Corradina preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-2 ta' Diċembru 2020 u ssottomettiet illi l-appell odjern huwa deżert u talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti.

9. Id-Direttur Restoration Unit fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, illum magħruf bħala Direttur – Direttorat tar-Restawr fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali preżenta nota fit-8 ta' Jannar 2021 permezz ta' liema ssottometta illi huwa kien ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju permezz ta' sentenza preliminari datata 14 ta' Ġunju 2014, u peress illi ma jirriżultax illi sar appell minn din is-sentenza ma hemmx il-ħtieġa li jdaħħal risposta tal-appell.

10. A.F. Ellis (Home Decor) Limited preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fl-1 ta' Frar 2021 permezz ta' liema ssottomettiet illi mill-atti jirriżulta li sal-ġurnata tas-smigħ is-soċjeta` appellanti kienet għadha ma ddepożitatx il-garanzija għall-ispejjeż skont kif rikjest mill-Artikolu 249 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant l-appell għandu jiġi dikjarat deżert a tenur tal-Artikolu 209 tal-istess kapitolu 12, u talbet illi l-appell odjern jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti.

**Ikkonsidrat;**

**L-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetajiet appellati**

11. Is-soċjeta` MC Restauri di Miloro Corradina eċċepiet illi l-appell odjern huwa deżert a tenur tal-Artikolu 963 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-appell ġie preżentat fis-sena 2014 iżda l-appellanti ma segwitx l-appell tagħha. Targumenta illi tant hu hekk illi sitt snin wara li ġie preżentat l-appell hija telqet minn Malta mingħajr ma kienet taf li kien ġie preżentat appell f'sentenza mogħtija sitt snin ilu li fiha kienet parteċipi. Issostni illi l-Qorti tat iż-żmien li setgħat tagħti bil-liġi, u ċioe` differiment ta' darba fil-11 ta' Novembru 2019, iżda s-soċjeta` appellata xorta baqgħat ma ġietx notifikata fit-terminu stabbilit u għalhekk

it-terminu kontemplat fl-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta skatta *ipso jure.*

12. Mill-verbal tad-9 ta' Novembru 2020 jirriżulta illi din il-Qorti kienet tat l-aħħar differiment għan-notifika tas-soċjeta` appellata MC Restauri di Miloro Corradina, ordnat illi s-soċjeta` appellata kellha tiġi notifika sad-differiment li kien imiss, ċioe` sal-11 ta' Jannar 2021, u avżat illi fin-nuqqas tieħu l-provvediment li tagħti l-liġi ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-atti jirriżulta illi s-soċjeta` appellata ġiet notifikata bir-rikors tal-appell fit-13 ta' Novembru 2020, u ċioe` entro t-terminu stabbilit mill-Qorti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

13. AF Ellis (Home Decor) Limited eċċepiet illi dan l-appell huwa deżert għaliex mill-atti jirriżulta illi s-soċjeta` appellanti ma ddepożitatx il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża sal-ġurnata tal-ewwel smigħ tal-appell, kif jirrikjedi l-Artikolu 249 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-appell huwa deżert a tenur tal-Artikolu 209 tal-istess kapitolu.

14. Il-Qorti tagħraf illi mill-atti jirriżulta illi sal-ewwel ġurnata tas-smigħ tal-appell is-soċjeta` appellanti kienet għadha ma ġietx notifikata la bl-appuntament tas-smigħ u lanqas bl-avviż tal-ħlas tal-kawtela. Mill-atti jirriżulta illi Mario Camilleri, rappreżentant tas-soċjeta` appellanti, ta ruħu

b'notifikat bl-avviż tas-smigħ waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2020, filwaqt illi l-kawtela tħallset minnu fis-6 ta' Novembru 2020. Dan wara li kienet saret komunika tal-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020 lill-avukat difensur tas-soċjeta` appellanti fit-2 ta' Novembru 2020. Huwa ċar għalhekk illi l-appell odjern m'huwiex deżert, ġaladarba s-soċjeta` appellanti iddepożitat il-kawtela fiż-żmien li ġie mogħti lilha minn din il-Qorti ai termini tal-paragrafu (b) tal-proviso tal-Artikolu 209 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**L-appell tas-soċjeta` attriċi**

15. Is-soċjeta` attriċi ressqet aggravju wieħed fir-rikors tal-appell tagħha permezz ta' liema tilmenta illi l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Is-soċjeta` appellanti tikkontendi illi f'din il-kawża hija ressqet provi sufficjenti sabiex turi r-rabta kontrattwali li effettivament hemm bejn l-attriċi u l-konvenuti, u kif ukoll dwar il-fatt illi l-konvenuti jew min minnhom aġixxew b'nuqqas serju fil-konfront tagħha. Hija targumenta illi l-provi juru biċ-ċar li kien bil-ħidma tagħha li effettivament intrebaħ it-*tender* peress illi s-sehem tagħha kien rekwiżit indispensabbli għall-eventwali *award* tat-*tender,* u dan jirriżulta partikolarment mix-xhieda tal-Perit Arkitett Norbert Gatt, l-Avukat Dr. Joseph Ellis, Corrada Miloro u Dr. Franco Agius. Issostni illi tant huwa minnu li hija kellha tkun involuta mill-bidu sal-aħħar tal-proġett.

Saħansitra s-soċjeta` appellata AF Ellis (Home Decor) Limited fir-risposta ġuramentata tagħha sostniet li *r-risk assessment* magħmul mis-soċjeta` appellanti kellu jiġi approfondit fl-istadju ta' esekuzzjoni, u li dan jinsab ikkonfermat ukoll fir-risposta ġuramentata ta' MC Restauri di Miloro Corradina. Issostni li għalhekk l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi għaliex jekk wieħed jifli sew ix-xogħolijiet elenkati fid-dokument, li għalihom tagħmel referenza s-soċjeta` appellata MC Restauri di Miloro Corradina, wieħed mill-ewwel jinduna li dawn ma kinux parti mill-*preliminary report* imma proprju xogħolijiet li kellhom isiru wara li jintrebaħ it-*tender*, u allura tul is-snin tal-proġett kollu, u dan kif jinsab ikkonfermat b'mod partikolari fix-xhieda ta' Corradina Miloro tat-28 ta' Marzu 2014. Skont is-soċjeta` appellanti hemm provi suffiċjenti illi bejn il-partijiet kien jeżisti kuntratt li hija tagħmel ix-xogħolijiet kollha tul il-proġett kollu u mhux dawk li għandhom x'jaqsmu mat-*tendering stage* biss. Tagħmel referenza għad-dokument tad-*tender* f'paġna 66 fejn jingħad illi l-kuntrattur huwa rikjest li jinkariga "Occupational Health and Safety Competent Person", li għandu jkun responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' kostruzzjoni u tgħid illi dan kien l-inkarigu li proprju kien ingħata lilha. Issostni illi huwa ċar illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim ċar, taċitu u impliċitu li hija kellha tieħu ħsieb ix-xogħol kollu relatat mas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol, kemm fit-tendering stage u kif ukoll jekk jiġi mirbuħ it-tender. Is-soċjeta` appellata targumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li

saħansitra fil-Bill of Quantities ippreżentat mat-tender kien hemm inkluż l-ammont kollu li kien ikopri x-xogħolijiet li hija kellha tagħmel fir-rigward tas-saħha u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol. Tagħmel referenza għax-xhieda ta' Dr. Franco Agius waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 u tgħid illi t-12% li hija *unaccounted for* hija dik relatata mal-qasam tas-saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol, li fir-rigward tal-*estimated budget* tammonta għal €166,556.76. Iżżid illi prova oħra li ssostni l-verżjoni tagħha hija l-fatt li Corradina Miloro la tinsab fir-reġistru tal-persuni kompetenti tal-Awtorita` ghas-Saħħa u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xogħol u lanqas għandha l-kwalifiċi u l-esperjenza skont kif rikjest mill-Avviż Legali 44 tas-sena 2002, u għalhekk żgur li dan ix-xogħol kellu bilfors isir mis-soċjeta` appellanti, li pero` nqlagħat il-barra mill-progett b'mod inġust u b'ingann u malafede da parti ta' MC Restauri Miloro Corradina. Tagħmel ukoll referenza għall-kawza deċiża fl-14 ta' Frar 2014 fl-ismijiet **Dottor Raymond Bondin v. Dottoressa Corradina Miloro pro et noe** u ssostni illi din hija kawża oħra li turi d-*dolus* li tipprattika s-soċjeta` appellata. Filwaqt li tagħmel referenza għall-ġurisprudenza u l-opra tal-ġurist Torrente, is-soċjeta` appellanti tikkontendi illi mill-provi huwa ċar illi l-appellati jew min minnhom naqsu milli jadempixxu l-intenzjoni tal-partijiet u għalhekk hemm lok għad-danni rappreżentanti t-telf soffert u l-profitt mankanti da parti tas-soċjeta` appellanti. Iżżid illi anke jekk *dato ma non concesso* jirriżulta li ma kien hemm l-ebda kuntratt, xorta waħda hemm lok għad-danni taħt id-dottrina tal-*precontractual liability*, li

għalkemm m'hijiex ikkodifikata fil-liġijiet tagħna, m'hijiex materja aljena għal dawn il-Qrati. Wara li tagħmel referenza għall-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fejn ġiet rikonoxxuta d-dottrina tal-precontractual liability, issostni li fil-każ odjern mhux biss kien hemm trattattivi, iżda saħansitra twettieq ta' xogħol konsistenti f'laqgħat u preparamenti tas-sottomissjonijiet għas-sejħa għall-offerti a bażi ta' liema seta', u effettivament intrebaħ it-*tender* in kwistjoni*.*

16. MC Restauri di Miloro Corradina tirribatti li huwa prinċipju kardinali fil-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti. Hija targumenta li hija ma daħlet fl-ebda obbligu kontrattwali mas-soċjeta` appellanti u ma tat l-ebda nkarigu la qabel u lanqas wara l-aġġudikazzjoni tat-*tender*. Tikkontendi illi kif jirriżulta mill-provi, is-soċjeta` appellanti kienet ġiet inkarigata sabiex, kontra prezz miftiehem, tipprepara d-dokumentazzjoni meħtiega sabiex jiġu sottomessi flimkien mal-offerta, u l-fatt li ma kien hemm l-ebda ftehim li minnu nibtu obbligi kontrattwali jikkonfermah ir-rappreżentant tas-soċjeta` appellanti stess waqt is-seduta tal-10 ta' Ġunju 2013. Tgħid illi r-referenza li tagħmel is-soċjeta` appellanti għad-dokument tat-tender ma tagħti l-ebda ndikazzjoni li r-risk assessment kienet ser tkun maghmula mis-soċjeta` appellanti, iżda biss illi dan il-proċess kien meħtieġ li jsir. Issostni illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta

kkonkludiet illi "għalkemm jidher li din kienet l-intenzjoni, pero` dan ma jfissirx li ġie konkluż kuntratt."

17. AF Ellis (Home Decor) Limited targumenta illi skont il-ġurisprudenza l-appellanti ma tistax sempliċiment tattakka apprezzament tal-provi billi tissostitwih b'ieħor, iżda trid minflok turi l-illoġiċita` tal-ġudizzju appellat. Issostni li l-appellanti bbażat l-appell tagħha fuq apprezzament parzjali ta' xelta limitata ta' provi magħzula minnha u naqset milli turi li hemm xi illoġiċita` jew in-nuqqas fis-sentenza appellata. Tgħid illi l-appellanti stess lanqas hi ċerta mill-bażi legali tal-azzjoni tagħha u ttentat tlett ipoteżi alternattivi li kull waħda teskludi t-tnejn l-oħra, u ċioe` ksur ta' obbligi kontrattwali, responsabilita` extra-kontrattwali u *precontractual liability.* Targumenta illi mkien mill-atti ma jirriżulta li hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet għaliex mill-provi jirriżulta ċar li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar ix-xogħolijiet li kellhom isiru wara li jintrebaħ it-tender, u l-intiża kienet li wara li jintrebaħ it-tender "ipoġġu madwar mejda u jaraw" u żżid li la ma kienx hemm qbil dwar ix-xogħol li kellu jsir mill-appellanti u l-prezz li kellu jiġi mħallas ma jistax raġonevolment jingħad li kien ifisser ftehim vinkolanti bejn il-partjiet, u l-istess argument japplika fir-rigward ta' *precontractual liability.* Targumenta illi ma jeżistux ukoll l-elementi meħtieġa mil-liġi sabiex ikun hemm responsabilita` extra-kontrattwali għaliex mill-provi jirriżulta ċar li r-raġuni għalfejn MC Restauri di Miloro Corradina m'għażlitx li tinkariga lill-

appellanti għax-xogħolijiet ta' wara li jintrebaħ it-tender għaliex l-appellanti unilateralment għażlet li tgħolli l-prezzijiet kwotati minnha meta mqabbla ma' dawk kwotati qabel ma ntrebaħ it-tender. Iżżid li fi kwalunkwe każ ma nġabet l-ebda prova ta' dannu soffert mill-appellanti, u lanqas prova ta' ness kawżali bejn kwalunkwe dannu soffert mill-appellanti u xi aġir tal-appellati. Rigward l-argument magħmul mis-soċjeta` appellanti dwar *precontractual liability* l-appellata tikkondenti illi t-talba magħmula mill-appellanti li kellha tiġi ġġudikata mill-ewwel Qorti ma kinitx tinkludi *precontractual liability,* iżda kienet biss ibbażata fuq "ksur ta' sub-appalt" u żżid li fi kwalunkwe każ il-kunċett ta' *precontractual liability* m'huwiex stabbilit fis-sistema legali Maltija. Targumenta li fi kwalunkwe kaz m'hemmx l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi kawża a bażi ta' *precontractual liability* għaliex in-negozjati dwar ix-xogħol li kellu jsir wara li jintrebaħ it-tender kienu għadhom lanqas biss bdew u l-unika ftehim kien li jekk jintrebaħ it-tender il-partijiet ipoġġu madwar mejda u jaraw, u li inoltre ma kienx b'kapriċċ li l-konsorzju għażel li ma jinkarigax lill-appellanti iżda għaliex l-appellanti għażlet li arbitrarjament tgħolli l-prezzijiet.

18. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "'Il fatti principali huma li:
>
> "i. A.F. Ellis Home Décor Ltd (Ellis) u M.C. Restauri di Miloro Corradina (Miloro) issottomettew tender ghax-xoghol ta' restawr tas-swar tac-

Cittadella f'Ghawdex. Tender li nhareg mid-Dipartiment tar-Restawr u Ministeru ghal Ghawdex.

"ii. Fl-istadju qabel giet prezentata t-tender, l-attrici ntalbet thejji rapport "Occupational Health and Safety Risk Assessment". Ir-rapport sar.

"iii. It-tender intrebah u gie ffirmat il-kuntratt mal-Gvern. Eventwalment Ellis harget mix-xena.

"iv. Fl-14 ta' Jannar 2011 l-attrici tat stimi ghas-servizzi taghha (fol. 419-426).

"L-attrici tilmenta li wara li ntrebah it-tender spiccat inqalghet 'il barra.

"Ellis teppretendi li m'hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex ma kenitx baqghet parti millprogett. Il-qorti ma taqbilx fis-sens li jekk dahlet f'relazzjoni guridika, ma tistax tahrab millobbligi billi ssostni li ma baqghetx parti mill-progett. Certament li dan ma sehhx bil-kunsens tal-attrici. Ghalhekk jekk Ellis assumiet xi obbligi fil-konfront tal-attrici, haga li ghad trid tigi stabbilita, allura trid tirrispondi ghalihom. Ghalhekk f'dan il-kuntest l-ewwel eccezzjoni ta' Ellis ser tigi michuda.

"Ghal dak li jikkoncerna l-meritu l-qorti hi tal-fehma li d-deposizzjoni ta' **Mario Camilleri**, direttur tal-kumpannija attrici, hi ferm rilevanti biex tiddetermina jekk giex konkluz ftehim bejn il-kontendenti ghal xoghol wara li ntrebah il-kuntratt mill-konvenut. Camilleri xehed

"Fl-4 ta' Jannar 2011 ghamilt kuntatt mas-sinjura Mariella Xuereb permezz tal-post elettronika (vide Dok. M) fejn bghatt l-ewwel offerta ghal xoghol ta' Health & Safety Advisor u offerta ohra li tkopri r-responsabbilta' skont l-Avviz Legali 281 tal-2004 kemm tal-klijent (Restoration Unit) kif ukoll ta' kull kuntrattur involut fil-progett….

"Nghid li z-zewg offerti ma gewx milqugha li skont jien bl-iskuza li ma kienx hemm bizzejjed fondi sabiex jinghata dan is-servizz bir-rizultat finali jkun li MC Restauri di Miloro Corradina spicca jassumi r-responsabbilta' kemm bhala project supervisor for the design state (PSDS) kif ukoll project supervisor for the construction stage (PSCS)" (fol. 299).

"Meta xehed fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 (fol. 632), qal:

"• Mal-konvenuti qatt ma ffirma kuntratt.

"• "Meta jiena ippreparajt id-dokumenti li hemm mat-tender, **il-ftehim kien li jekk jintrebah ser inpoggu madwar mejda u imbaghad jaraw**…. ixxoghol tieghi x'jirrikjedi".

"• "Dr Ellis kien ighidli li jekk jirbhu t-tender ser juzaw is-servizzi tieghi bhala health and safety".

"• Mill-qliegh li kienu ser jaghmlu l-konvenut ma kienx ser ikollu sehem; "Jien naghti s-servizz, nohrog kont u nithallas. L-istess ma kelli x'naqsam xejn ma' spejjez relatati mal-progett li kellha taghmel il-joint venture." .

"• "Il-kliem kien fis-sens li **ladarba ninghataw it-tender niltaqghu madwar mejda u nergghu nitkellmu. F'dak l-istadju ahna ma konniex nafu kemm kien ser ikun hemm bzonn ta' input min-naha taghna, jigifieri ma konniex nafu jekk il-presenza taghna kentix rikjesta ghal gurnata shiha jew ghal numru ta' sighat**".

"• "**Ahna ma konniex nafu ezatt x'haj jkun ir-remit taghna**. Ghalhekk jien ma kontx f'posizzjoni li nohrog stima ta' servizz li ser naghtu ahna, u naghtiha lil Dr Ellis".

"In kontro-ezami (seduta 12 ta' Frar 2014) [fol. 665], xehed:

"• Qatt ma ghamel ftehim ma' Miloro.

"• Kien tkellem biss ma' Dr Joseph Ellis u "Il-ftehim ma' Dr Ellis ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' stima dwar ix-xoghol li kellna naghmlu kien li fleventwalita' li jirbhu t-tender, **niltaqghu biex niftehmu prezzijiet. Nikkonferma li ma' Dr Ellis ftehemt prezz ta' 350 Euro imma dan kien biss fir-rigward tal-preliminary report**". Verzjoni li ma taqbilx ma' dik li ta l-avukat Dr Joseph Ellis li xehed: "Niftakar li Camilleri kien tana rata ta' hlas li kien qed jippretendi ghal moniteragg tal-health and safety regulations. Rata li konna inkorporajniha kif semmejt fil-bill of quantities" (fol. 662).

"• L-attrici thallset tar-rapport preliminari.

"• "Nikkonferma li ma' Ellis u ma' Mirolo ma saru l-ebda contracts of service malkumpannija tieghi".

"Il-brani ccitati fejn giet mizjuda l-enfazi huma rilevanti ghall-ezitu tal-materja in kontestazzjoni. Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, tosserva:

"i. M'huwiex kontestat li l-preliminary report tal-attrici ntuza ghat-tender document. Kien wiehed mid-dokumenti mehtiega skond il-kondizzjonijiet tat-tender (ara fol. 280). Madankollu dak id-dokument m'huwiex prova li bejn il-partijiet gie konkluz kuntratt b'kundizzjoni sospensiva, li kellu jidhol fis-sehh fl-eventwalita' li l-konvenuti jirbhu l-kuntratt.

"ii. Hu veru wkoll li mar-rapport tal-attrici, dak li ntuza mill-konvenuti ghattender, hemm dikjarazzjoni ta' Mario Camilleri datata 19 ta' Lulju 2010 fejn jinghad li l-attrici giet inkarigata biex taghti konsulenza dwar l-aspetti li jissemmew fid-dokument (fol. 150 a tergo). Pero' mid-

deposizzjoni ta' Camilleri rrizulta li f'dak l-istadju kien ghadu ma kienx jaf x'kellu jkun irremit tal-attrici fl-eventwalita' li jintrebah il-kuntratt. Mill-provi li ngabru hu evidenti li ftehim dwar il-prezzijiet qatt ma sehh.

"iii. Ghalkemm il-kuntratt intrebah minn Ellis u Miloro, fl-istadju tat-tender l-attrici semplicement tat servizz u thallset (ara deposizzjoni ta' Mario Camilleri, fol. 665). Is-servizz kien jikkonsisti fit-thejjija ta' occupational health and safety risk assessment. Sahansitra fit-tender l-attrici ma ssemmietx bhala sub-contractor (ara deposizzjoni ta' Dr Franco Agius mill-ufficcju tad-Dipartiment tal-Kuntratti, fol. 439 u t-tender stess).

"iv. Il-qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attrici li kien hemm "ftehim car, tacitu u implicitu" (ara nota ta' sottomissjonijiet). Hu veru li Dr Joseph Ellis xehed:- "Kien anke tana stima tas-servizzi tieghu. Niftakar li baghatilna invoice ghal preliminary report. **Niftakar li jien kont ghaddejtlu kumment. Ghidtlu jekk jintrebah it-tender mhux inti ser tiehdu x-xoghol** ?". Ghalkemm jidher li dik kienet l-intenzjoni, pero' dan ma jfissirx li gie konkluz kuntratt. Bla dubju elementi importanti tal-kuntratt kien ilvolum ta' xoghol u l-prezz. Mario Camilleri xehed li l-kliem ma' Dr Ellis kien li fl-eventwalita' li jirbhu l-kuntratt, kellhom jiltaqghu biex jiddiskutu. Kliem li fih innifsu hu prova kontra t-tezi tal-attrici li kien hemm ftehim car. Hu minnu li jidher li f'Lulju 2010 l-attrici kienet tat stima tar-rati ta' hlas ghal kull siegha xoghol (ara dokument mehmuz ma' rikors tat-28 ta' Novembru 2014). Pero' m'hemmx prova li l-offerta giet accettata. Fil-fatt fl-ahhar taddokument jinghad: "I, the undersigned, do hereby confirm that I am accepting the provision of the services outlined in this quotation with the terms and conditions stipulated therein", b'post vojt fejn Dr Ellis kellu jiffirma jekk jaccetta l-offerta. Waqt il-gbir tal-provi ma gietx prezentata verzjoni ffirmata minn Dr Ellis. Sahansitra fl-4 ta' Jannar 2011 l-attrici baghatet offerta gdida (fol. 419). Fatt iehor li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li ftehim ma kienx jezisti.

"v. Wara li ntrebah il-kuntratt l-attrici ghamlet offerta li giet rifjutata minn Miloro. Offerta li ggib id-data tal-4 ta' Jannar 2011 (fol. 419). Li l-qorti baqghet ma fehemitx hi t-tieni offerta datata 14 ta' Jannar 2011 (fol. 423) fejn tissemma c-cifra ta' €3,791.66 ghall-istess xoghol li jissemma fl-istima tal4 ta' Jannar 20112 . F'dan ir-rigward Mario Camilleri xehed li t-tieni offerta:

(a)"Tipprospetta hlas fix-xahar. Pero' d-dokument ma jghidx hekk filwaqt li fl-ewwel stima tissemma c-cifra ta' €350 kull xahar. Fejn l-attrici riedet tispecifika hlas kull xahar, ghamlitu. Ghalhekk il-verzjoni ta' Camilleri hi dghajfa.

"(b) L-ewwel stima tirreferi ghal xoghol differenti minn dak li jissemma fit-tieni stima. Ezami taz-zewg dokumenti juri bic-car li din il-verzjoni m'ghandhiex mis-sewwa.

"F'kull kaz m'hemmx prova li din it-tieni offerta giet accettata.

"vi. Ic-cifra li tissemma fit-tender ghal dak li jikkoncerna sahha u sigurta' hi ssomma ta' €3,500 (fol. 159 a tergo). Hu veru li Camilleri xehed li qatt ma kien gie kkonsultat dwar dik ic-cifra, pero' hu veru wkoll li qatt ma sar ftehim dwar il-prezzijiet. Waqt il-gbir tal-provi l-attrici pprezentat prospett tad-danni (fol. 655-657) li lanqas ma jirrifletti l-offerta:

(a)"Prospect if minimum work was carried out - €66,268.80;

"(b) Prospect if maximum work was carried out - €124,254;

"Cifri li jidher li gew kalkolati a bazi ta' hlas ta' €30 ghal kull siegha xoghol, wahda bazata fuq 6 sighat xoghol ghal darbtjen fil-gimgha u l-ohra 4.5 sighat xoghol hames darbiet fil-gimgha. Il-qorti ma tarax li l-konvenuti setghu qatt jifhmu li ser ikun hemm dak il-volum ta' xoghol jekk il-materja qatt ma giet diskussa fl-istadju meta l-attrici nghatat l-ewwel inkarigu, cjoe' fl-istadju meta kienet qeghda titlesta l-offerta.

"Il-konkluzjoni tal-qorti hi li bejn l-attrici u l-konvenut ma giex konkluz kuntratt ghall-ghoti ta' servizz relatat mas-sahha u sigurta fil-post fejn kellu jsir il-progett.

"L-attrici ghamlet ukoll enfazi fuq il-fatt li l-aspett tas-sahha u sigurta spiccat tiehu hsiebu Corrada Miloro, meta m'hijiex registrata fir-registru tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol u m'ghandhiex il-kredjenzali sabiex taghmel dan ix-xoghol. Fil-fehma tal-qorti din hi materja li ghandhom jarawha l-awtoritajiet ikkoncernati u l-attrici ma tistax tippretendi li tirbah xi punti billi taghmel riferenza ghal dawk 'il fatti.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici argumentat li jekk ghall-grazzja tal-argument jirrizulta li ma kienx hemm kuntratt, "…. xorta wahda hemm lok ghal danni taht id-duttrina tal-precontractual liability" (702). Fil-fehma tal-qorti dan hu argument gdid, li certament m'huwiex kompatibbli mat-tezi li jezisti kuntratt. L-attrici bbazat il-kawza fuq l-ezistenza ta' kuntratt (ara tielet paragrafu tal-premessi tar-rikors guramentat). Mela ma tistax mbaghad targumenta li f'kull kaz hemm lok ghad-danni prekontrattwali. Gialadarba l-kawza ma gietx bazata fuq ir-responsabbilta' prekontrattwali, din it-tezi taqa' barra mill-parametri tal-azzjoni kif proposta mill-attrici. F'kull kaz:-

"(a) Ma kien hemm xejn milli jipprekludi lil Miloro milli taghzel li ma tikkonkludix ftehim mal-attrici gialadarba qieset li l-offerta tal-attrici kienet gholja. Offerta ghalhekk issir. Ghalkemm l-attrici kienet fiducjuza li tinghata l-kuntratt, ma kienx hemm certazza. M'hemm xejn x'jindika li l-partijiet kienu waslu biex jikkonkludu ftehim u li Miloro rega' bdiela. Ghalkemm l-attrici ssostni li f'dan il-kaz kien hemm diga' twettiq ta' xoghol, pero' dan kien biss ir-rapport preliminari. B'daqshekk ma jfissirx li gie konkluz kuntratt ghal xoghol wara li ntrebah il-kuntratt. Mario

> Camilleri stess xehed li l-intendiment kien li jekk jintrebah il-kuntratt jiltaqa' ma' Dr Ellis sabiex jiddiskutu x-xoghol u lprezzijiet. Aspetti essenzjali f'kuntratt ta' servizz. Diskussjonijiet li pero' qatt ma saru.
>
> "(b)Id-danni li tippretendi l-attrici hu l-allegat telf ta' qliegh li tghid li kienet taghmel kieku thalliet taghti s-servizz taghha. Madankollu dawn m'humiex danni li jistghu jigu reklamati f'kaz ta' danni prekontrattwali (ara sentenza talQorti tal-Appell fil-kawza **Pullen proprio et nomine vs Matysik et**, 26 ta' Novembru 1971)."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

19. B'referenza għall-argumenti magħmula mis-soċjeta` appellanti dwar responsabilita` pre-kuntrattwali, il-Qorti tirrileva illi s-soċjeta` appellanti bbażat il-kawża tagħha fuq l-eżistenza ta' kuntratt bejn il-partijiet, tant illi fil-premessa numru 3 tar-rikors ġuramentat tagħha espressament tgħid illi "…s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom kienu inkarigaw lis-soċjeta' rikorrenti a bażi ta' sub-appalt…" Għaldaqstant, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, is-soċjeta` appellanti ma tistax imbagħad tibdel il-binarji tal-azzjoni tagħha u tippretendi ħlas a bażi ta' allegata responsabilita` pre-kuntrattwali. Għaldaqstant din il-Qorti m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-argumenti mressqa mis-soċjeta` appellanti dwar responsabilita` pre-kuntrattwali.

20. Wara li eżaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta` appellanti m'għandhiex raġun fl-ilment tagħha li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. A kuntrarju tal-argument tas-soċjeta` appellanti, mill-provi assolutament ma

jirriżultax illi kien hemm ftehim "ċar, taċitu u impliċitu" bejn il-partijiet li hija kienet ser tkun involuta sal-aħħar tal-proġett fil-każ illi s-soċjetajiet appellati jirbħu t-*tender,* u lanqas ma jirriżulta illi hija kienet ingħatat sub-appalt kif tikkontendi fir-rikors promotur tagħha.

21. Il-Qorti rat illi Mario Camilleri stess qal fl-affidavit tiegħu illi meta kien sar jaf li t-*tender* kien intrebaħ mis-soċjetajiet konvenuti huwa kien għamel kuntatt mal-Perit Mariella Xuereb u għamel "l-ewwel offerta għal xogħol ta' *Health & Safety Advisor* u offerta oħra li tkopri r-responsabilita` skont l-Avviż Legali 281 tat-2004 kemm tal-klijent (*Restoration Unit*) kif ukoll ta' kull kuntrattur involut fil-proġett…" u li "…ż-żewġ offerti ma' ġewx milqugħa…" (*fol.* 299). In kontro-eżami Camilleri kkonferma illi s-soċjeta` appellanti fil-fatt m'għamlet l-ebda ftehim mas-soċjeta` appellata MC Restauri di Miloro Corradina, u jgħid li l-ftehim kien sar ma' Dr. Joseph Ellis u li dan il-ftehim ma' Dr. Ellis kien proprju li fl-eventwalita` li jintrebaħ it-*tender* jiltaqgħu sabiex jaslu fi ftehim dwar il-prezzijiet (*fol.* 665) u kkonferma wkoll li mas-soċjetajiet appellati ma kien sar l-ebda *contract of service* u li wara li ntrebaħ it-*tender* "…ġejna biex ninnegozjaw" (*fol.* 666). L-istess jerġa' jiġi kkonfermat minn Camilleri meta jixhed illi "Jien ibbażajt fuq l-irġulijia ta' Dr. Ellis, fis-sens li hu kien qalli li jekk jintrebaħ it-tender kien ser ikellimni biex ninnegozjaw biex inkun il-Helath & safety officer." (*fol.* 667) Dan jikkontradiċi kompletament l-argument tas-soċjeta` appellanti illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet li hija kienet ġiet

inkarigata fuq bażi ta' sub-appalt sabiex tieħu ħsieb ix-xogħol relatat mas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol jekk jintrebaħ it-*tender.* Imbagħad, kif sewwa jgħidu s-soċjetajiet appellati, fix-xhieda mogħtija minnu in kontro-eżami Camilleri jgħid ċar u tond illi "…il-ftehim kien li jekk jintrebaħ [it-tender] ser inpoġġu madwar mejda u mbagħad naraw…" (*fol.* 634). Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-fatt li Dr. Joseph Ellis xehed li hu kien għadda kumment lil Mario Camilleri fis-sens li "…jekk jintrebaħ it-tender mhux inti ser tieħdu x-xogħol?" turi biss intenzjoni, iżda m'hijiex prova li ġie konkluż kuntratt bejn il-partijiet.

22. Mill-atti jirriżulta li fil-fatt bejn il-partijiet qatt ma kien hemm ftehim dwar il-kwantita` tax-xogħol li kellu jsir mis-soċjeta` appellanti u l-ħlas li kellha tirċievi għalih (*fol.* 635). Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta` appellanti kienet ġiet mitluba sabiex tagħti stima tal-ħlas li hija kienet tippretendi sabiex tagħmel ix-xogħol relatat ma' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol, iżda din l-istima ma ġietx aċċettata peress illi Corradina Miloro kienet tal-opinjoni li l-prezz pretiż kien għoli wisq (*fol.* 671). Fi kliem ieħor, mill-atti jirriżulta illi bejn il-partijiet mhux biss ma kienx hemm ftehim ċar li s-soċjeta` appellanti kellha tiġi nkarigata bħala l-uffiċjal tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol fil-każ li s-soċjetajiet appellati jirbħu t-*tender,* iżda wkoll lanqas kien hemm ftehim fuq l-aspetti l-aktar bażici ta' kuntratt ta' sub-appalt validu f'għajnejn il-liġi. L-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li elementi importanti ta' kull kuntratt huma l-volum ta' xogħol

u l-prezz, u li fuq dawn l-elementi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet.

23. Is-soċjeta` appellanti targumenta li fatt li jikkorrobora l-verżjoni tagħha li kellha tkun hi li tagħmel ix-xogħol relatat ma' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol huwa li Corradina Miloro ma kellhiex il-kwalifiki meħtieġa sabiex tagħmel ix-xogħol ta' uffiċjal dwar is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol, u ma kinitx rikonoxxuta mill-Awtorita` kompetenti bħala persuna li tista' tagħmel dan ix-xogħol. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota illi mix-xhieda tal-Perit Norbert Gatt, Direttur tad-Dipartiment tad-Direttorat tar-Restawr, jirriżulta illi d-dipartiment tiegħu kien għadda d-dokumentazzjoni relattiva għal Miloro lill-uffiċju tas-saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol, u dan l-uffiċċju ma kellu l-ebda oġġezzjoni li hija taġixxi bħala l-uffiċjal addett mis-saħħa u s-sigurta f'dan il-proġett (*fol.* 437). Dan apparti illi, skont ix-xiehda ta' David Saliba, rappreżentat tal-Awtorita` Saħħa u Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol, m'huwiex meħtieġ illi l-uffiċjal addett mis-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol ikun persuna nkluża fuq il-lista ta' persuni kompetenti ppubblikata mill-Awtorita` għaliex "klijent [jista'] iqabbad persuna indipendenti li tkun imħarrġa f'dan il-qasam…" (*fol.* 624). Għalhekk dan l-argument huwa għal kollox infondat. Fir-rigward tal-argument mressaq mis-soċjeta` appellanti relattiv għal paġna 66 tad-dokument tad-*tender,* il-Qorti tirrileva illi f'din il-paġna, u wkoll fil-bqija tad-dokument, ma hemm l-ebda ndikazzjoni li s-soċjeta` appellanti kienet ġiet

jew ser tiġi nkarigata biex tagħmel ix-xogħol relatat ma' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol. A kuntrarju tal-argument tas-soċjeta` appellanti, minn din il-paġna jirriżulta biss li dan ix-xogħol kellu jsir, mingħajr ħjiel dwar il-persuna speċifika li kienet ser tagħmlu.

24. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar illi l-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Huwa evidenti li s-soċjetajiet appellati ma aċċetawx l-offerta magħmula lilhom mis-soċjeta` appellanti, u kien għalhekk illi s-soċjeta` appellanti ma ġietx inkarigata biex tkun hi l-addetta tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol meta ntrebaħ it-*tender.* Kif osservat l-ewwel Qorti, is-soċjetajiet appellati kellhom id-dritt li jirrifjutaw din l-offerta, u huwa ċert li dan ma jesponihomx għal danni extra-kuntrattwali kif tippretendi l-attriċi, oltre illi dan jinnega kompletament it-teżi attriċi li hija kienet ġiet inkarigata mis-soċjetajiet konvenuti fuq bażi ta' sub-appalt.

25. Għaldaqstant l-appell tas-soċjeta` appellanti qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari ta' MC Restauri di Miloro Corradina u ta' AF Ellis

(Home Decor) Limited, tiċħad l-appell tas-soċjeta` appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu in kwantu għal 5% minn MC Restauri di Miloro Corradina, in kwantu għal 5% minn AF Ellis (Home Decor) Limited u in kwantu għar-rimanenti 90% mis-soċjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm